



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0367/2010

9.12.2010

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità
(COM(2010)0760 – C7-0000/2010 – 2010/2293(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Reimer Böge

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità (COM(2010)0760 – C7-0000/2010 – 2010/2293(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0760 – C7-000/2010),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ (il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 27 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ewwel qari tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-2011²,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tal-konċiljazzjoni tal-15 ta' Novembru 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0367/2010),
- A. billi l-livelli massimi tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali, speċjalment għas-subintestatura 1a u l-intestatura 4, ma jippermettux il-finanzjament ta' prijoritajiet tal-UE bla ma jkunu pperikolati l-istrumenti u l-politiki eżistenti,
- B. billi ż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja qablu fil-konċiljazzjoni, sakemm jintlaħaq ftehim komprensiv fuq il-kwistjonijiet kollha pendenti, li jimmobilizzaw l-Istrument ta' Flessibilità bi tpattija tat-tishiġ għall-prijoritajiet identifikati taħt dawn iż-żewġ intestaturi,
1. Jirrimarka li, minkejja tishiġ ristrett f'impenji fuq għadd limitat ta' partiti tal-baġit, il-limiti massimi tas-subintestura 1a u tal-intestatura 4 ma jippermettux finanzjament adegwat tal-prijoritajiet magħżula tal-Parlament u tal-Kunsill;
 2. Jilqa', għaldaqstant, il-qbil milħuq matul il-konċiljazzjoni dwar l-użu tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Programm tal-kmpetittività u l-Innovazzjoni taħt is-subintestura 1a, u l-fnanzjament tal-assistenza finanzjarja għall-Palestina, il-proċess tal-paċi u l-UNRWA taħt l-intestatura 4 għal ammont totali ta' EUR 105 miljun;
 3. Ifakkar li dawn il-programmi huma ta' importanza kruċjali għall-Unjoni minħabba li jipprovdu spinta ċara għall-attività ekonomika, ukif ukoll għar-rwol tal-Unjoni bħala protagonista dinjija;
 4. Itenni li l-mobilizzazzjoni ta' dan l-istrument, kif previst fil-punt 27 tal-Ftehim

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² Testi adottati, P7_TA-PROV(2010)0372.

Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, għal darb' oħra jenfasizza l-hteġa vitali li l-baġit tal-UE jkun dejjem aktar flessibbli;

5. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-publikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹, u b'mod partikulari l-ħames paragrafu tal-punt 27 tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi, wara li eżaminaw il-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura 1a u l-intestatura 4, fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tal-11 ta' Novembru 2011, iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja qablu li jimmobilizzaw l-Istrument ta' Flessibilità biex, fil-baġit tal-2010, jikkomplementaw il-finanzjament, lil hinn mil-limitu massimu tas-l-intestatura 1a u l-intestatura 4, ta':

- EUR 18-il miljun għall-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja taħt l-intestatura 1a;
- EUR 16-il miljun għall-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni taħt l-intestatura 1a;
- EUR 71 miljun għall-Palestina taħt l-intestatura 4.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 (minn hawn 'il quddiem "il-baġit tal-2011"), l-Istrument tal-Flessibilità għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 34 miljun f'appropriazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 1a u EUR 71 miljun f'appropriazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 4.

Dawk l-ammonti għandhom jintużaw sabiex jikkomplementaw il-finanzjament ta':

- EUR 18-il miljun għall-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja taħt l-intestatura 1a;
- EUR 16-il miljun għall-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni taħt l-intestatura 1a;
- EUR 71 miljun għall-Palestina taħt l-intestatura 4.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni ta' l-Istrument tal-Flessibilità sabiex ikun possibbli l-finanzjament ta' nfiq definit b'mod ċar li ma jistax jiġi ffinanzjat fil-limiti disponibbli għal intestatura waħda jew aktar tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Għall-baġit ta' l-2011, jeħtieġ infiq addizzjonali, lil hinn mil-limiti massimi tal-intestatura 1a u l-intestatura 4. Huwa għalhekk propost li jiġi mmobilizzat l-Istrument tal-Flessibilità f'konformità mal-punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

L-ammonti li għandhom jiġu mmobilizzati huma:

- EUR 18-il miljun għall-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja taħt l-intestatura 1a;
- EUR 16-il miljun għall-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni taħt l-intestatura 1a;
- EUR 71 miljun għall-Palestina taħt l-intestatura 4.

Iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja huma mfakkra li l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex issir aktar tard mill-pubblikazzjoni tal-baġit tal-2011.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	8.12.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Estelle Grelier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, Dominique Riquet, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Roberto Gualtieri, Paul Rübig
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Bart Staes